# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 66**

**Rikors numru 263/20/1 LM**

**Michelle Doreen sive Doreen Xuereb, Juan Miguel sive Miguel Xuereb u Giuliano sive Julian Sciberras, u b'digriet tad-19 ta' Novembru, 2021, l-atti ġew trasfużi f'isem Michelle Doreen sive Doreen Xuereb wara l-mewt ta' Giuliano sive Julian Sciberras**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

**Doreen Calleja**

1. Ir-rikorrenti appella minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tas-16 ta' Novembru, 2022, li ddikjarat ksur tal-jedd fundamentali protett taħt Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea b'referenza għall-

perjodu 28 ta' Frar, 2018, sal-11 ta' Novembru, 2020 u dan b'referenza għall-kirja tal-fond 3, Triq il-Fugass, Qawra lill-intimata Calleja li hi protetta bis-saħħa tal-Ordinanza Li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69). Għalhekk ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti kumpens fis-somma komplessiva ta' ħamsin elf, ħames mija u għoxrin ewro (€50,520) in kwantu għall-kumpens pekunarju fl-ammont ta' erbgħin elf, mija sebgħa u sebgħin ewro (€40,177.00) lir-rikorrenti Doreen Xuereb, kumpens pekunarju fis-somma ta' erbat elef, tliet mija u tlieta u erbgħin ewro (€4,343.00) lir-rikorrent Miguel Xuereb, u kumpens non-pekunjarju lilhom it-tnejn fl-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000.00).

2. L-appell tar-rikorrenti huwa dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens u jippretendu li kellu jkun mija u sitta u erbgħin elf u sebgħin (€146,070).

**Preliminari**

3. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum huma s-segwenti:

3.1. Il-fond oġġett tal-kawża kien oriġinarjament ta' Michele u martu Michelina Sciberras. Wara li mietu għadda b'wirt, flimkien ma' ġid ieħor, fuq it-tmint itfal tagħhom. Il-werrieta kienu jinkludu r-rikorrent Giuliano Sciberras li miet waqt li l-kawża kienet pendenti. Zija tar-rikorrenti

Michelle Doreen sive Doreen Xuereb. Ir-rikorrent l-ieħor, Juan Miguel sive Miguel Xuereb huwa iben Doreen Xuereb;

3.2. B'kuntratt ta' diviżjoni tat-28 ta' Marzu, 1993,[1] sar il-qsim tal-ġid. L-aħwa Giuliano Sciberras u Carmelo Sciberras kienu assenjati kull wieħed nofs indiviż tal-fond in kwistjoni;[2]

3.3. L-istess fond kien f'xi żmien ġie konċess b'titolu ta' lokazzjoni favur n-nannu tal-intimata Doreen Calleja b'kera ta' Lm15 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem. Din tal-aħħar daħlet tgħix miegħu fl-1995[3] u baqgħet tgħix fil-fond *de quo* wara mewtu xi sitta jew tmien snin wara;[4]

3.4. Fis-sena 2004 l-aħwa Sciberras fetħu kawża fil-Bord li Jirregola l-Kera kontra Carmelo Calleja (Rik. Nru. 59/2004 GG), u b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2005, l-atti ġew trasfużi f'isem l-intimata odjerna, Doreen Calleja[5]. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2012, kienet miċħuda t-talba sabiex ma tiġġeddidx il-kirja għaliex allegaw li l-fond ma kienx qiegħed jintuża;

---

[1] Fol. 37 et seq.
[2] Fol. 47 u 48 *overleaf*
[3] Fol. 144
[4] Fol. 149 – f' kawża oħra (Rik. Nru. 59/2004 GG) xehdet li kienet ilha tirrisjedi miegħu għal 16-il sena qabel miet – ara fol. 98
[5] Fol. 96

3.5. B'hekk l-intimata Calleja baqgħet tgħix fil-fond in kwistjoni b'kera ta' Lm15 (€35) fis-sena. Skont il-kopji tal-irċevuti in atti jirriżulta li fis-sena bejn il-15 ta' Awwissu, 2014 u l-15 ta' Frar, 2015, l-intimata Calleja ħallset kera ta' €100 kull sitt xhur (€200 fis-sena). Minn dik id-data 'l quddiem ftehmu li l-kera kellha togħla għal €300 kull sitt xhur[6] (€600 fis-sena). Mill-15 ta' Frar, 2018, ftehmu kera fis-somma ta' €600 kull sitt xhur (€1,200 fis-sena) u mill-10 ta' Frar, 2019, ġiet awmentata għal €650 kull sitt xhur (€1,300 fis-sena) minħabba l-għoli tal-ħajja. Għat-tliet xhur bejn il-15 ta' Frar, 2020 u l-15 ta' Mejju, 2020, ħallset €300 b'dan illi minn hemm 'l quddiem bdiet tħallas €600 kull tliet xhur[7] (€2,400 fis-sena). <u>Dwar dawn l-awmenti l-inkwilina ntimata tgħid illi kull meta r-rikorrenti talbuha żieda fil-kera hi qatt ma rrifjutat u dejjem tathom kemm talbuha;</u>[8]

3.6. Sa frattant, permezz ta' att ta' <u>donazzjoni</u> datat 3 ta' Ottubru, 2016[9], Giuliano sive Julian Sciberras għadda s-sehem tiegħu lir-rikorrenti Doreen Xuereb. Madanakollu, fuq l-istess att, <u>din tal-aħħar tat lill-imsemmi zijuha d-dritt ta' użu u użufrutt gratwitu tal-istess fond matul ħajtu</u>;

---

[6] Fol. 145
[7] Fol. 150
[8] Fol. 145, 147
[9] Fol. 9 *et seq*

3.7. Min-naħa l-oħra, permezz ta' att ta' donazzjoni datat 28 ta' Frar, 2018[10], Carmelo Sciberras għadda n-nofs indiviż tiegħu mill-istess fond lir-rikorrent Juan Miguel Xuereb (iben ir-rikorrenti Doreen Xuereb). Fuq l-istess att dan tal-aħħar ta lid-donatur d-dritt ta' użu u użufrutt gratwitu tal-istess matul ħajtu.

3.8. Fis-16 ta' April, 2021, miet Giuliano Sciberras u l-werrieta tiegħu hi r-rikorrenti Michelle Doreen sive Doreen Xuereb.

4. Bir-rikors li ppreżentaw fil-11 ta' Novembru, 2020, ir-rikorrenti lmentaw minn ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti bl-Art. 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni Ewropea"), kemm qabel kif ukoll wara d-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2009. L-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-fond ma setax jingħata b'kera li tirrifletti l-valur lokatizzju fis-suq ħieles u dan minħabba l-protezzjoni li d-dispożizzjonijiet tal- Kap. 69 taw lill-intimata Calleja. Għalhekk isostnu li ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin u talbu lill-Qorti sabiex:

> *"i Tiddikjara u Tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-opra tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż imma mhux limitat għall-Artikoli 3 u 4 tal-istess Kap u*

[10] Fol. 14

*bl-opra tal-Liġijiet viġenti li qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimata Doreen Calleja tal-fond 3, Triq il-Fugass, Qawra u li qegħdin iċaħdu lill-esponenti milli jirċievu kirja ġusta, wasslu u/jew qegħdin iwasslu għall-vjolazzjoni d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u 45 tal-Kostituzzjoni.*

*ii Tordna u Tagħti lir-rikorrenti r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhirilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluż li jiġi dikjarat illi l-intimata ma tistax tibqa' tużufruwixxi mill-protezzjoni tal-liġi kif ukoll billi tordna l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond de quo.*

*iii Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-vjolazzjoni minnhom soferta ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*iv Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*v Tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom iħallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

5. Permezz ta' risposta preżentata fl-14 ta' Diċembru, 2020, l-Avukat tal-Istat *inter alia* wieġeb illi r-rikorrenti jridu jġibu prova dwar il-ftehim tal-kirja. Dwar il-kumpens qal:

*"13. Illi b'referenza lejn it-tielet u r-raba' talba, dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda stante li ma hemm l-ebda ksur ta' xi dritt fundamentali, iżda, u mingħajr preġdizzju għas-suespost jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li hemm xi ksur din l-istess Onorabbli Qorti għanda, jekk tkun ħa tagħti xi kumpens, tagħti dan l-istess kumpens in proporzjoni mal-fatti tal-kawża odjerna hekk kif iridu għadhom jiġu provati mir-rikorrenti stess."*

6. B'risposta ppreżentata fl-20 ta' April, 2021, l-inkwilina Calleja sostanzjalment wieġbet illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

7. Waqt li l-każ kien qiegħed jinstema' quddiem l-Ewwel Qorti, fid-29 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti fetħu kawża oħra quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera u talbu l-awment tal-kera skont l-Art. 4A tal-Kap. 69 (1091/21 NB).[11]

8. B'sentenza tas-16 ta' Novembru, 2022 ("is-sentenza appellata) l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> *"1) Tilqa' il-ħames, l-għaxar, il-ħdax-il, it-tnax-il u l-erbatax-il eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu;*
>
> *2) Tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjoni u limitatament it-tnax-il u t-tlettax-il eċċezzjoni tal-intimata Calleja, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' eċċezzjoni tagħha filwaqt li tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha;*
>
> *3) Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti b'mod limitat billi tiddikjara u tiddeċiedi illi huma sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan fir-rigward tal-perijodu li jibda fl-1 ta' Jannar, 1995, u jieqaf fil-11 ta' Novembru, 2020 fir-rigward tar-rikorrenti Doreen Xuereb, u fir-rigward tal-perijodu li jibda fit-28 ta' Frar, 2018, u jieqaf fil-11 ta' Novembru, 2020 fir-rigward tar-rikorrent Miguel Xuereb;*
>
> *4) Tiċħad it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrenti;*
>
> *5) Tillikwida u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas kumpens pekunjarju lir-rikorrenti Doreen Xuereb fis-somma ta'*

[11] Fol. 169

*erbgħin elf mija sebgħa u sebgħin Euro (€40,177.00), u lir-rikorrent Miguel Xuereb fis-somma ta' erbat elef tliet mija tlieta u erbgħin Euro (€4,343.00), flimkien ma' kumpens non-pekunjarju lilhom it-tnejn solidalment fis-somma ta' sitt elef Euro (€6,000.00), u dan ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 319, bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.*

*.........*

*Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-proċedura odjerna għandhom jitħallsu kwantu għal sest (1/6) mir-rikorrenti, u in kwantu għal ħames sesti (5/6) mill-intimat Avukat tal-Istat."*

9. Sa fejn rilevanti għal dan l-appell, il-Qorti tal-ewwel grad ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq s-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"20. Issa kif għadu kif ingħad, ir-rikorrent Sciberras min-naħa tiegħu kien ittrasferixxa s-sehem tiegħu fil-fond konsistenti fin-nofs indiviż, lir-rikorrenti Doreen Xuereb permezz ta' att ta' donazzjoni tat-3 ta' Ottubru, 2016, fl-atti tan-Nutar Joanne Lia, iżda dan filwaqt li żamm għalih id-dritt ta' użufrutt. Il-ko-proprjetarju Carmelo Sciberras kien ukoll għadda s-sehem rimanenti tiegħu ta' nofs indiviż lir-rikorrent Miguel Xuereb permezz ta' att ta' donazzjoni tat-28 ta' Frar, 2018. B'hekk ir-rikorrenti llum jinsabu sidien tal-fond, li m'għadux mgħobbi bid-dritt tal-użufrutt favur ir-rikorrent Sciberras li miet waqt il-mori tal-proċeduri odjerni. Iżda għandu jingħad ukoll li r-rikorrent Sciberras li miet fis-17 ta' April, 2021, permezz tat-testment tiegħu tad-9 ta' Ottubru, 2018, innomina bħala l-eredi universali tiegħu lir-rikorrenti Doreen Xuereb, li għal din ir-raġuni sussegwentement fl-14 ta' Ottubru, 2021, u wara li sar l-att ta' dikjarazzjoni causa mortis fit-30 ta' Awwissu, 2021, talbet lil din il-Qorti sabiex tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju minn fuq isem il-mejjet rikorrent Sciberras għal fuq isimha. Għaldaqstant il-Qorti tqis li r-rikorrenti Doreen Sciberras, fil-kwalità ta' eredi universali tar-rikorrent Sciberras u bis-saħħa tad-digriet imsemmi, illum daħlet fiż-żarbun tal-imsemmi rikorrent Sciberras, u għalhekk għandha kull dritt li tkompli l-preżenti proċeduri minfloku billi tirrappreżenta l-interessi tal-eredità tiegħu, u indipendentement mill-fatt li l-preżenti proċeduri saru minnha bħala rikorrenti f'isimha personali.*

*21. Tikkonsidra li l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi kif ġej:*

*...*

*26. Il-Qorti tagħraf li b'hekk twieled il-principju ta' proporzjonalità. Tgħid li tenut kont il-valuri lokatizji annwali tal-fond mogħtija mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju mis-sena 1995 'il hawn, u anki tenut kont il-valur lokatizju tal-fond fis-sena 2020 meta r-rikorrenti ddeċidew li jintavolaw il-proċeduri odjerni, u meħud in konsiderazzjoni (a) il-kera miżera perċepita mir-rikorrenti minkejja l-awmenti minimi li pprovdew għalihom l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att X tal-2009, u li bl-ebda mod raġonevoli ma jista' jingħad li dawn ammeljoraw l-pożizzjoni tas-sid; u (b) li ma tressqet l-ebda prova jew sottomissjoni min-naħa tal-intimat Avukat tal-Istat sabiex jiġġustifika għaliex il-każ odjern kien jimmerita l-indħil tal-Istat kif allegat minnu, saħansitra fi sfond fejn il-qagħda finanzjarja u ekonomika tal-pajjiż tjiebet ferm miż-żmien li fih saret il-liġi in kwistjoni, il-Qorti tqis li jirriżulta bl-aktar mod evidenti li ma kien hemm l-ebda bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Tikkonsidra li għalkemm jista' jirriżulta li l-inkwilin mhuwiex f'qagħda finanzjarja li jwettaq l-obbligi tiegħu tal-ħlas skont il-valuri lokatizji mogħtija fir-rapport peritali, tgħid li fil-każ odjern l-Istat tefa' il-piż tal-akkomodazzjoni soċjali għal kollox fuq spallejn is-sid mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni għal dan. Dan filwaqt li tqis ukoll li r-rikorrenti għadhom sallum fi stat ta' inċertezza dwar meta ser jerġgħu jieħdu lura l-pussess tal-fond proprjetà tagħhom. Fil-każ* ***Cassar v. Malta***[12] *il-Qorti Ewropea kkonkludiet li "it is clear that these circumstances inevitably left the applicants in uncertainty as to whether they would ever be able to recover their property". Il-Qorti għalhekk tagħraf li d-drittijiet tar-rikorrenti ġew limitati sew permezz tal-liġijiet tal-kera. Kif irrilevat din il-Qorti hawn fuq, ma tirriżulta l-ebda ġustifikazzjoni fil-każ odjern għall-indħil tal-Istat li wassal għat-trażżin ta' dawn id-drittijiet. Tasal biex saħansitra tgħid li ma tista' tikkonstata l-ebda għan leġittimu għal tali ndħil fil-każ odjern. Il-Qorti għalhekk qegħda tagħraf sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti ġew kostretti li jġorru saħansitra waħedhom mingħajr l-ebda għajnuna tal-Istat, piż eċċessiv u sproporzjonat, sabiex b'hekk a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll huma ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom.*

*...*

*31. Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmulin, ġew leżi l-jeddijiet tar-rikorrenti kif protetti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-intimata Calleja, li fil-fatt huma d-drittijiet fundamentali tagħha li qegħdin jinkisru stante li qegħda tiġi pperikolata l-aspettattiva leġittima tagħha li tibqa' tikri il-fond, il-Qorti tgħid li l-imsemmija intimata Calleja hija libera li tressaq dan l-ilment quddiem il-Qorti skont kif jidhrilha xieraq, u ma jirriżulta l-ebda xkiel għal kwalunkwe azzjoni li hija għandha dritt għaliha. Għalhekk li l-Qorti sejra tgħaddi biex*

[12] App. 50570/13, deċiża fit-30.01.2018.

*tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti, u dan filwaqt li tagħraf ukoll li sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur ma tistax tkun rimedju suffiċjenti fejn il-leżjoni pperdurat għal tant snin.*

*...*

*35. Għalhekk il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni li (a) l-ammont ta' kera li r-rikorrenti setgħu pperċepixxu li kieku l-fond kien mikri skont il-kirjiet riżultanti fis-suq miftuħ, huwa ferm akbar minn dak li attwalment ġie pperċepiet minnhom*[13]*, tant li kieku dan il-fond inkera fis-suq miftuħ tal-kiri bejn l-1 ta' Jannar, 1995, u l-11 ta' Novembru, 2020, li hija d-data li fiha ġew ippreżentati dawn il-proċeduri, id-dħul kien ikun ta' madwar €131,107.00*[14] *fir-rigward tar-rikorrenti Doreen Xuereb fil-kwalità tagħha ta' eredi tar-rikorrent Sciberras, u ta' madwar €19,480.00*[15] *fir-rigward tar-rikorrent Miguel Xuereb, fejn għandu jitqies li s-sehem ta' nofs indiviż ġie għandu biss fit-28 ta' Frar, 2018, permezz tal-att ta' donazzjoni kif fuq spjegat; (b) li l-valur tiegħu kif sostanzjalment imnaqqas minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tiegħu. Tgħid li dawn il-fatturi kollha jikkontribwixxu għall-iżbilanċ evidenti bejn l-interessi privati tar-rikorrenti u l-għan pubbliku li għalih ġew introdotti ċertu liġijiet, u għaldaqstant tikkonsidra li jirriżulta ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li għalih għandu jitħallas kumpens mill-intimat Avukat tal-Istat f'isem l-Istat Malti. Dan filwaqt li tqis li kif sewwa jirrilevaw l-intimati, skont il-liġi huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li għandu l-kompetenza li jiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' żgumbrament, u għalhekk it-talba tar-rikorrenti kif magħmula ma tistax tiġi akkolta.*

*36. Kif diġà kellha l-opportunità li tteni din il-Qorti, id-danni li għandhom jiġu likwidati fi proċedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali mhumiex l-istess bħad-danni ċivili li jiġu likwidati fi proċedimenti ordinarji, għaliex huma danni li għandhom jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna, tenut kont tal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi. Għar-rigward tal-quantum tal-kumpens għal danni pekunjarji u non-pekunjarji, fis-sentenzi tal-Qrati tagħna kull każ jiġi determinat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu.*

*37. Fil-każ odjern, għajr għall-fatt li kien hemm telf sostanzjali fil-kera li setgħet ġiet ipperċepita, ma jirriżultawx danni pekunjarji oħra li jistgħu jiġu faċilment komputati. Imbagħad il-Qorti tqis li għandhom*

[13] Ir-rikorrenti Doreen Xuereb: 1995-2013: €34.94x15=€489; 2014: €200; 2015-2017: €1,800; 2018: €1,200; 2019: €1,300; 01.01.20-11.11.20: €2,400/12x10=€2,000. B'kollox €6,989/2=€3,495. Ir-rikorrent Miguel Xuereb: 28.02.18-31.12.18: €1,200/12x10=€1.000; 2019:€1,300; 01.01.20-11.11.20: €2,400/12x10=€2,000. B'kollox €4,300/2=€2,150.

[14] 1995-1999: €7,397x5/2=€18,493; 2000-2004: €8,270x5/2=€20,675; 2005-2009: €9,495x5/2=€23,738; 2010-2014: €11,268x5/2=€28,170; 2015-2019: €12973x5/2=€32,433; 01.01.20-11.11.20: €18,018/12x10/2=€7,508. B'kollox €131,107.

[15] 28.02.18-31.12.18: €12,973/12x10/2=€5,405; 2019: €12,973/2=€6,487; 01.01.20-11.11.20: €18,018/12x10/2=€7,588. B'kollox €19,480.

*jiġu likwidati wkoll id-danni morali jew non-pekunjarji, stante li l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti hija konsegwenza tal-fatt li għal snin twal l-Istat Malti naqas milli jindirizza din il-kwistjoni kif kellu jagħmel, u jemenda l-qafas legali li jirregola kirjiet protetti, u dan minkejja titjib sostanzjali fil-qagħda soċjo-ekonomika tal-pajjiż, li wassal għal żbilanċ evidenti u piż inordinat fuq is-sidien ta' proprjetajiet bħal dawn.*

*38. Il-Qorti tqis li kumpens pekunjarju fl-ammont ta' erbgħin elf mija sebgħa u sebghin Euro (€40,177.00)*[16] *fir-rigward tar-rikorrenti Doreen Xuereb u fl-ammont ta' erbat elef tliet mija tlieta u erbgħin Euro (€4,343.00) fir-rigward tar-rikorrenti Miguel Xuereb, u kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000.00) pagabbli lil dawn iż-żewġ rikorrenti solidalment, għandu jkun kumpens ġust u xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dawn id-danni għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat lir-rikorrenti stante li l-intimata Calleja ma tistax bl-ebda mod jiġi kkunsidrat bħala responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza riżultanti mill-promulgazzjoni tal-liġijiet leżivi in kwistjoni, fejn mhuwix qed jiġi allegat xi nuqqas fil-konfront tagħha fit-twettiq tal-obbligi lokatizji tagħha."*

10. Ir-rikorrenti appellaw b'rikors ippreżentat fil-5 ta' Diċembru, 2022, u talbu lil din il-Qorti <u>tvarja</u> s-sentenza appellata billi:

*"tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat u tal-intimata Calleja, u tikkonfermaha wkoll fejn laqgħat it-talbiet attriċi, b' dan illi għandha tirriformaha in kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni u ċioe għandu jiġi dikjarat u deċiż illi d-danni pekunarji għandhom jiġu likwidati fl-ammont ta' mhux inqas minn €132,070, kif ġie mitlub mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet finali tagħhom, jew somma oħra verjuri, oltre danni morali ta' €14,000, globalment ammontanti għal €146,070.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appelat Avukat tal-Istat."*

11. Permezz ta' tweġiba tal-appell ppreżentata fid-19 ta' Diċembru, 2022, l-intimata Calleja wieġbet illi, fl-ewwel lok is-sentenza ngħatat fis-16 ta' Novembru, 2022 u mhux fl-14 ta' Settembru, 2022, kif jingħad fir-

[16] Ir-rikorrenti Doreen Xuereb: €131,017/3 naqqas €3,495 kera perċepita. B'kollox €40,177. Ir-rikorrent Miguel Xuereb: €19,480/3 naqqas €2,150 kera perċepita. B'kollox €4,343.

rikors tal-appell. Fil-meritu tgħid li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata u l-appell tar-rikorrenti miċħud.

12. L-istess wieġeb l-Avukat tal-Istat.

13. Għall-kompletezza ssir ukoll referenza għall-fatt illi fil-mori tal-appell, b' sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu, 2023, kienet deċiża l-kawża fil-Bord li Jirregola l-Kera (Rik. Nru. 1091/21 NB). Filwaqt li l-Bord iddeċieda li l-intimata Doreen Calleja hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 3 gja 2, Triq il-Fugass, Qawra u tikkwalifika bħala kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbazi tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini u l-Att dwar id-Djar kif emendat bl-Att XXIV tal-2021, iddikjara li hija tissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi u ordna li l-kera dovuta għall-fond in meritu għandha tiġi riveduta u awmentata għal tnax il-elf u sitt mitt Ewro (€12,600) fis-sena rappreżentanti 1.8% tal-valur tal-fond stmat mill-membri tekniċi tal-Bord u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza, liema kera għandha tkun pagabbli f' żewġ skadenzi *ossia* fis-somma ta' €6,300 kull sitt xhur bil-quddiem.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

14. Kif sewwa qalet l-intimata, is-sentenza appellata ngħatat fis-16 ta' Novembru, 2022 u mhux fl-14 ta' Settembru, 2022. Madankollu dak in-

nuqqas ma jwassalx għan-nullità tar-rikors tal-appell. M'hemmx kontestazzjoni dwar minn liema sentenza sar l-appell. Anzi mir-rikors tal-appell stess hu ċar kristall li l-appell sar mis-sentenza tas-16 ta' Novembru, 2022, apparti li ma jirriżultax li ngħatat xi sentenza oħra li minnha setgħu jappellaw ir-rikorrenti. Inoltre hemm referenza espressa għad-data korretta f'paġna sebgħa tar-rikors tal-appell (fol. 285). Żball li f'kull każ huwa faċilment rettifikabbli skont l-Artikolu 143(5) tal-Kap.12 li jistipula b'mod ċar li tali nuqqas ma jagħmilx null ir-rikors tal-appell. Għaldaqstant, tiċħad dik l-eċċezzjoni.

15. L-appell tar-rikorrenti huwa illi fil-likwidazzjoni tal-kumpens: (i) l-Ewwel Qorti ma mxietx mal-kriterji stabbiliti f'Cauchi v. Malta; u (ii) ma llikwidatx favurihom id-dannu li jgħidu li sofra Carmelo Sciberras. Għalhekk jippretendu ħlas ta' €146,070 bħala kumpens u mhux is-somma ta' €50,520 li llikwidat l-Ewwel Qorti.

16. Il-Qorti ser tibda billi tagħmel konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju, ċjoè li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx il-perjodu meta Carmelo Sciberras kien sid tal-fond. Isostnu li ġialadarba Carmelo Sciberras sofra telf ta' qligħ, is-suċċessuri tiegħu għandhom jedd għal dak il-ħlas.

17. L-Ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni:

17.1. fir-rigward tar-rikorrenti Doreen Xuereb, bejn l-1 ta' Jannar, 1995 (meta bdiet tokkupa l-fond l-intimata Calleja) sal-11 ta' Novembru, 2020 (meta r-rikorrenti fetħu l-kawża), u llikwidat kumpens pekunarju fl-ammont ta' erbgħin elf, mija sebgħa u sebgħin ewro (€40,177); u

17.2. fir-rigward tar-rikorrent Miguel Xuereb, bejn it-28 ta' Frar, 2018 (meta Carmelo Sciberras ittrasferilu s-sehem tiegħu b'donazzjoni), u l-11 ta' Novembru, 2020 (meta r-rikorrenti fetħu l-kawża), u llikwidat kumpens fis-somma ta' erbat elef, tliet mija u tlieta u erbgħin ewro (€4,343).

18. L-Ewwel Qorti illikwidat ukoll kumpens non-pekunjarju lir-rikorrenti fl-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000.00).

19. Ir-rikorrenti jaqblu li l-ksur tal-jedd fundamentali beda fl-1 ta' Jannar, 1995, meta l-fond kien tal-aħwa Giuliano sive Julian u ħuh Carmelo Sciberras f'sehem ta' nofs indiviż kull wieħed.

20. Kif diġà ngħad fir-rassenja tal-fatti, sehem Giuliano sive Julian Sciberras għadda għand ir-rikorrenti Doreen Xuereb permezz ta' att ta' donazzjoni datat 3 ta' Ottubru, 2016[17]. Fuq l-istess att, din tal-aħħar tat iżda lil zijuha d-dritt ta' użu u użufrutt gratwitu tal-istess fond matul ħajtu. B'hekk, meta nfetħet din il-kawża fil-11 ta' Novembru, 2020, huwa kien wieħed mir-rikorrenti. Iżda fis-16 ta' April, 2021, Giuliano Sciberras miet[18] u ħalla lir-rikorrenti Doreen Xuereb eredi tiegħu.[19]

21. Billi fis-16 ta' April, 2021, ir-rikorrenti Doreen Xuereb wirtet id-drittijiet patrimonjali ta' Giuliano sive Julian Sciberras, m'hemmx dubju li hija għandha l-jedd għall-kumpens pekunjarju għal dak is-sehem (nofs) għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 1995 sal-11 ta' Novembru, 2020.

22. Hija madanakollu tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha ukoll tillikwida favuriha somma ulterjuri ta' €61,615 għad-dannu soffert minn Carmelo Sciberras li kien jippossjedi nofs indiviż mill-fond sat-28 ta' Frar, 2018, meta tah b'donazzjoni lil binha, ir-rikorrent l-ieħor Juan Miguel Xuereb.

23. In sostenn ta' din il-pretiża, ir-rikorrenti Doreen Xuereb (għall-ewwel darba fir-rikors tal-appell tagħha) qalet li:

[17] Fol. 9 *et seq*
[18] Fol. 118
[19] Fol. 119 *et seq*.

i. l-imsemmi Carmelo Sciberras miet fis-7 ta' Settembru, 2018;

ii. li l-wirt tiegħu kien iddevolva fuq żewġ ħutu, ir-rikorrent l-ieħor Giuliano sive Julian Sciberras (li miet fil-mori ta' din il-kawża fis-16 ta' April, 2021) u Grazia sive Grace Sciberras li mietet fit-13 ta' Mejju, 2021;

u

iii. li l-wirt tagħhom it-tnejn iddevolva ukoll fuqha b'dan illi hija wirtet ukoll id-danni patrimonjali fuq in-nofs tal-fond li kien jappartjeni lill-Carmelo Sciberras sat-28 ta' Frar, 2018, wara liema data taqbel li d-danni relattivi huma dovuti lill-binha kif deċiż fis-sentenza appellata.

24. Dwar sehem Carmelo Sciberras mill-fond in kwistjoni, mill-atti jirriżulta biss li permezz ta' att ta' donazzjoni datat 28 ta' Frar, 2018,[20] huwa kien għadda n-nofs indiviż tiegħu lir-rikorrent Juan Miguel Xuereb u żamm għalih id-dritt ta' użu u użufrutt gratwitu tal-istess matul ħajtu.

[20] Fol. 14

25. Kien f'kopja tar-rikors li r-rikorrenti ippreżentaw fil-Bord Li Jirregola l-Kera li jingħad li Carmelo Sciberras miet fis-7 ta' Settembru, 2018.[21] Però ma ġiex preżentat kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu. Iktar minn hekk m'hemmx prova ta' min hu l-werriet tiegħu. Ir-rikorrenti Michelle Doreen Xuereb fir-rikors promotur ippremettiet li hi sid ta' nofs indiviż tal-fond peress li akkwistatu mingħand Giuliano sive Julian Sciberras. Meta miet waqt il-kawża, tat prova biss li hi werrieta tiegħu u mhux li hi werrieta wkoll ta' Carmelo Sciberras. Lanqas m'hemm prova dwar dak li allegatament wirtet Grazia sive Grace Siberras u min hu l-werriet tagħha.

26. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

27. Fin-nuqqas ta' prova li Carmelo Sciberras hu mejjet lanqas suppost kien likwidat kumpens lir-rikorrent Juan Miguel Xuereb għall-perjodu mit-28 ta' Frar, 2018, sad-data li fiha nfetħet il-kawża. Dan peress li fil-kuntratt ta' donazzjoni tat-28 ta' Frar, 2018, Carmelo Sciberras żamm favur tiegħu l-jedd ta' użu u użufrutt gratuwitu matul ħajtu tan-nofs indiviż.[22] Fin-nuqqas ta' prova li Carmelo Sciberras miet, il-preżunzjoni hi għalhekk li Carmelo Sciberras għadu ħaj u allura għadu jgawdi dak l-użufrutt. Madankollu l-Avukat tal-Istat m'appellax is-sentenza u għalhekk dik il-parti hi ġudikat.

[21] Fol. 169
[22] Fol. 18

28. Fil-komputazzjoni tal-kumpens, hija llum ġurisprudenza stabbilita li, sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi speċifiċi li jimmeritaw varjazzjoni, il-Qorti timxi mal-kriterji stabbiliti f' Cauchi v. Malta[23]:

> *"għalkemm huwa minnu li t-tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) u għoxrin fil-mija (20%) msemmija f'Cauchi huma biss indikattivi u mhux regola li torbot, madankollu jixraq illi tinżamm uniformità fid-deċiżjonijiet u ma jsirx tibdil jekk mhux għal raġunijiet li jkunu speċifiċi għall-każ partikolari."*[24]

29. L-Ewwel Qorti ma bbażatx il-likwidazzjoni fuq il-kriterji tal-każ Cauchi. Il-likwidazzjoni ġiet bażata fuq il-kera fis-suq ħieles skont is-sehem u l-perjodu relattiv għal kull wieħed mir-rikorrenti surriferiti, diviż bi tlieta (3) u mit-total tnaqqset il-kera perċepita skont is-sehem relattiv. Il-kalkolu tal-Ewwel Qorti kien preċiżament dan[25]:

Kera Perċepita

> *"Ir-rikorrenti Doreen Xuereb: 1995-2013: €34.94x15=€489; 2014: €200; 2015-2017: €1,800; 2018: €1,200; 2019: €1,300; 01.01.20-11.11.20: €2,400/12x10=€2,000. B'kollox €6,989/2=€3,495.*
>
> *Ir-rikorrent Miguel Xuereb: 28.02.18-31.12.18: €1,200/12x10=€1.000; 2019:€1,300; 01.01.20-11.11.20: €2,400/12x10=€2,000. B'kollox €4,300/2=€2,150."*
>
> Kera fis-suq ħieles
>
> *"1995-1999: €7,397x5/2=€18,493; 2000-2004: €8,270x5/2=€20,675; 2005-2009: €9,495x5/2=€23,738; 2010-2014: €11,268x5/2=€28,170;*

[23] Cauchi *v.* Malta (rik. 14013/19), Q.E.D.B. 25 ta' Marzu 2021
[24] Joseph Cremona v. Avukat tal-Istat et deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu, 2023
[25] Ara footnotes 27 – 29 a fol. 275 *overleaf* u *footnote* numru 30 a fol. 276

*2015-2019: €12973x5/2=€32,433; 01.01.20-11.11.20: €18,018/12x10/2=€7,508. B'kollox €131,107.*

*28.02.18-31.12.18: €12,973/12x10/2=€5,405; 2019: €12,973/2=€6,487; 01.01.20-11.11.20: €18,018/12x10/2=€7,588. B'kollox €19,480."*

Kumpens

*"Ir-rikorrenti Doreen Xuereb: €131,017/3 naqqas €3,495 kera perċepita. B'kollox €40,177.*

*Ir-rikorrent Miguel Xuereb: €19,480/3 naqqas €2,150 kera perċepita. B'kollox €4,343."*

30. Għar-raġunijiet diġà spjegati, l-uniku kumpens li jirriżulta dovut huwa lil Michelle Doreen sive Doreen Xuereb għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 1995, sal-11 ta' Novembru, 2020, bħala werrieta tar-rikorrent Giuliano sive Julian Sciberras.

31. Skont il-perit tekniku inkarigat mill-Qorti, il-valur tal-fond fis-suq miftuħ fis-sena 2020 kien €514,800 *'bħala sit ta' żvilupp.*[26] In eskussjoni reġa' kkonferma li *"is-sit in kwistjoni għandu valur għall-iżvilupp f'suq miftuħ"*.

32. Skont il-perit tekniku l-fond għandu kejl superfiċjali ta' 150 metru kwadru maqsum f'żewġ sulari u fih bitħa wkoll.

33. L-istimi li għamel il-perit tekniku huma dawn:

[26] Fol. 162

| Sena | Valur<br>€ | Valur<br>Lokatizju<br>€ |
|---|---|---|
| 1995 | 211,355 | 7,397 |
| 2000 | 236,309 | 8,270 |
| 2005 | 271,277 | 9,495 |
| 2010 | 321,952 | 11,268 |
| 2015 | 370,656 | 12,973 |
| 2020 | 514,800 | 18,018 |

34. Bejn l-1 ta' Jannar, 1995, sal-11 ta' Novembru, 2020, it-total ta' kera hu €264,280. Nofs dan l-ammont, rappreżentanti s-sehem li Michelle Doreen Xuereb għandha fuq il-fond, hu €132,140.

35. Il-kriterji ta' Cauchi jippermettu tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) minħabba l-għan soċjali tal-liġi. Dan iħalli bilanċ ta' madwar tnejn u disgħin elf u ħames mitt ewro (€92,500).

36. Bil-kriterju ta' Cauchi[27], jrid isir tnaqqis ieħor ta' għoxrin fil-mija (20%) minħabba l-inċertezza dwar jekk il-fond kienx ikun mikri għall-perjodu kollu. Bilanċ ta' €74,000.

[27] *'104. Furthermore, the Court is ready to accept, particularly in view of the recent boom in property prices, that if the property had not been subject to the impugned regime it would not necessarily have been rented out throughout the entire period. Therefore, it is acceptable to consider that the actual losses were less than those claimed, by at least 20%'.*

37. Mar-relazzjoni il-perit tekniku nkluda ritratt wieħed li juri l-faċċata tal-fond fi Triq il-Fugass.[28] Mad-daqqa ta' għajn hu evidenti li l-fond mhuwiex wieħed modern u lussuż. Il-Qorti tistqarr li ssibha diffiċli taċċetta li fis-sena 1995 il-fond kien ser jinkera b'€600 fix-xahar. L-istess għas-snin ta' wara.

38. F' dan il-kuntest il-Qorti tosserva li l-punt ta' tluq tal-perit kien il-valur tal-fond <u>bħala sit ta' żvilupp</u> fl-2020. Il-valur lokatizju kkalkolaħ fuq qligħ ta' 3.5% kull sena kalkolat fuq l-istima tal-valur tal-fond li għamel. Fir-rapport jingħad li l-iżvilupp li jista' jsir fis-sit hu *"ħames sulari li jittraduċu għal għoli ta' 25m skont il-policies tal-Awtorita tal-Ippjanar li jimplikaw tmien sulari effettivi"*.[29]

39. F'dan il-każ partikolari l-Qorti ser tnaqqas 30% oħra sabiex jittieħed in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi speċjali li għandha quddiemha f'dan il-każ:

i. Il-punt tat-tluq għall-istimi tal-valur tal-fond għall-perjodu bejn 1995 u 2020 jidher li kienet is-sena 2020 fir-rigward ta' liema l-perit tekniku ta stima tal-iżvilupp potenzjali li qal li jista' jsir fis-sit in kwistjoni. Stima għandha tkun bażata fuq il-valur tal-fond bħala dar ta' abitazzjoni

---

[28] Fol. 163
[29] Fol. 162.

fiż-żmien li għaliha tirreferi u mhux stima tal-valur tal-fond għal skop ta' żvilupp, ġialadarba l-fond ma kienx qiegħed fis-suq biex jinbiegħ.

ii. L-istimi tal-kera għall-perjodi in kwistjoni jidhru pjuttost għoljin meta tikkunsidra t-tip ta' fond oġġett tal-kawża. Hekk per eżempju hi l-istima ta' madwar €600 fix-xahar fil-perjodu 1995 sa 1999 jew madwar €700 kull xahar fil-perjodu 2000 sa 2004. Stimi li għall-Qorti tkompli żżid l-inċertezza kemm il-fond kien ser jinkera fis-suq miftuħ b'dik it-tip ta' kera.

40. Tnaqqis li qiegħed isir minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

41. Dan it-tnaqqis iħalli bilanċ ta' wieħed u ħamsin elf u tmien mitt ewro (€51,800).

42. Bil-kriterju ta' Cauchi[30] trid titnaqqas ukoll il-kera li tħallset / kienet pagabbli mill-inkwilini skont il-liġi.

43. Ir-rikorrenti xehdet li fi żmien id-defunt Carmelo Calleja (nannu tal-intimata Calleja) il-kera kienet ta' Lm15 (€35) fis-sena. L-istess rata jidher

[30] *'105. Furthermore, the rent already received by the applicant for the relevant period must be deducted from the relevant calculation'*

li baqgħat titħallas mill-inqas sal-2004[31]. Skont il-kopji tal-irċevuti in atti jirriżulta mbgħad illi l-intimata Callejja ħallset kera ta’:

- €200 fis-sena bejn il-15 ta’ Awwissu, 2014, sal-15 ta’ Frar, 2015;
- €600 fis-sena bejn il-15 ta’ Frar, 2015, sal-15 ta’ Frar, 2018;
- €1,200 fis-sena bejn il-15 ta’ Frar, 2018, sal-10 ta’ Frar, 2019;
- €1,300 fis-sena bejn l-10 ta’ Frar, 2019, sal 15 ta’ Frar, 2020;
- €300 għat-tliet xhur bejn il-15 ta’ Frar, 2020 u l-15 ta’ Mejju, 2020; u
- €2,400 fis-sena minn hemm ‘l quddiem.

44. Isegwi minn dan li bejn l-1 ta’ Jannar, 1995 u l-11 ta’ Novembru, 2020, l-inkwilina ħallset kera ta’ madwar sitt elef, sitt mija u ħamsa u sittin ewro (€6,665). Nofs dan l-ammont, rappreżentanti s-sehem li fuqu għandha jedd għall-kumpens ir-rikorrenti Doreen Xuereb huwa ta’ tliet elef, tliet mija u tlieta u tletin ewro (€3,333).

[31] Fol. 96

45. Imnaqqas dan l-ammont mill-bilanċ surriferit, jagħti figura ta' tmienja u erbgħin elf, erba' mija u sitta u sittin ewro (€48,466). Kumpens li allura huwa għola mis-somma komplessiva li l-Ewwel Qorti akkordat liż-żewġ rikorrenti għad-danni pekunarji u non-pekunarji f'daqqa ta' ħamsin elf, ħames mija u għoxrin ewro (€50,520) iżda inqas sew mis-somma ta' mija u tnejn u tletin elf u sebgħin ewro (€132,070) li ppretendew ir-rikorrenti.

46. Fl-ewwel aggravju, ir-rikorrenti jippretendu ukoll danni non-pekunarji fis-somma ta' €13,000 minflok is-€6,000 li ordnat l-Ewwel Qorti.

47. Id-danni non-pekunarji ma jintirtux. Għalhekk is-somma li llikwidat l-Ewwel Qorti hi altru milli suffiċjenti. Dan meqjus ukoll il-fatt li l-leżjoni ravviżata mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Juan Miguel sive Miguel Xuereb ma tirriżultax pruvata.

48. L-ewwel aggravju tar-rikorrenti qiegħed għalhekk jintlaqa' limitatament fis-sens illi d-danni pekunarji dovuti lir-rikorrenti Michelle Doreen Xuereb jammontaw għal tmienja u erbgħin elf, erba' mija u sitta u sittin ewro (€48,466).

49. Fin-nuqqas ta' appell da parti tal-Avukat tal-Istat dwar id-danni pekunarji u non-pekunarji likwidati u dovuti lil Juan Miguel sive Miguel Xuereb, is-sentenza appellata hi ġudikat.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza fis-sens li tħassar dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti illikwidat kumpens ta' erbgħin elf, mija u sebgħa u sebgħin ewro (€40,177) bħala kumpens pekunjarju għar-rikorrenti Michelle Doreen Xuereb u minflok tordna lill-Avukat tal-Istat iħallasha kumpens pekunjarju fis-somma ta' tmienja u erbgħin elf, erba' mija u sitta u sittin ewro (€48,466). Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet ġialadarba r-rikorrenti kienu qegħdin jippretendu kumpens pekunjarju ferm iktar minn dak likwidat b'din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da